MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 998/2008

**Paul u Joanne konjugi Gauci, rispettivament detenturi tal-karti ta` l-identita` bin-numri 276968(M) u 514777(M)**

***kontra***

**Dominic u Maria konjugi Farrugia rispettivament detenturi tal-karti ta` l-identita` bin-numri 246755(M) u 721956(M)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta` Ottubru 2008 li jaqra hekk–

*1. Illi l-intimati konjugi Farrugia huma debituri taghhom fis-somma komplessiva ta` tletin elf, mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) - gja tlettax-il elf Liri Maltin (Lm13,000) - rapprezentanti self maghmul lill-intimati konjugi Farrugia kif miftiehem permezz ta` zewg skritturi datati 4 ta` Marzu 2003 fl-Atti tan-Nutar Angelo Vella (DOKs A & B) fl-ammonti rispettivi ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) - gja ghaxart`elef Liri Maltin (Lm10,000) - u sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) - gja tlett`elef Liri Maltin (Lm3,000).*

*2. Illi a bazi ta` l-iskritturi su-riferiti, l-ammont komplessiv ta` tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) kellu jigi ripagat, in parti u relattiv ghas-somma ta` sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) sa zmien sentejn mid-data ta` l-istess skrittura, ossia sal-4 ta` Marzu 2005, u in parti u relattiv ghas-somma ta` tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) sa zmien hames snin mill-istess skrittura, ossia sal-4 ta` Marzu 2008.*

*3. Illi bi skrittura maghmula fl-atti tan-Nutar Adriana Vella datata 28 ta` Frar 2007, l-hawnekk intimati konjugi Farrugia iddikjaraw illi l-iskritturi tal-4 ta` Marzu 2003 kienu ghadhom effettivi (DOK C), filwaqt s-self fl-ammont ta` sitt elef disa` mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) gja tlett elef Liri Maltin (Lm3,000), gie fl-istess gurnata u permezz ta` skrittura ohra, mgedded sal-4 ta` Marzu 2008 (DOK D).*

*4. Illi dan l-ammont komplessiv ta` tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) huwa cert, likwidu u dovut.*

*5. Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi ghall-hlas, inkluz permezz ta` zewg ittri ufficcjali ai termini tal-Artiklu 166A datati 16 ta` Gunju 2008 (DOKs E u F), izda dawn baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi l-intimati konjugi Farrugia flimkien u in solidum bejniethom huma debituri tar-rikorrenti konjugi Gauci fis-somma ta` tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors guramentat.*

*2. Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-imsemmija somma ta` tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) bl-imghax legali mid-data ta` l-iskritturi su-riferiti, ossia mill-4 ta` Marzu 2003.*

*Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-prezenti u dawk taz-zewg ittri ufficcjali datati 16 ta` Gunju 2008, kif ukoll dawk tal-Mandati kawtelatorji ta` Qbid u ta` Sekwestru, pprezentati kontestwalment ma` dan l-att, kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-17 ta` Novembru 2008 li taqra hekk :-

*1. Preliminarjament, in-nullita` taz-zewg skritturi ta` self datati 4 ta` Marzu, 2003 u tal-iskrittura tat-28 ta` Frar, 2007 u tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess skrittura stante illi l-kawza hija wahda llecita u tmur ukoll kontra l-ordni pubbliku stante illi r-rikorrenti mhumiex debitament licenzjati bhala istituzzjoni finanzjarja bil-fakolta u l-awtorizazzjoni legali illi jissomministraw self ta` flus a tenur tal-provvedimenti tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376 tal-Ligijiet ta` Malta) u l-ezercizzju da parti taghhom ta` self ta` flus jikkostitwixxi reat kontra l-provvedimenti tal-istess Att.*

*2. Preliminarjament ukoll, u in linea sussidjarja u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tal-kuntratti relattivi ta` self stante illi l-causa hija wahda illecita peress li fuq is-self giet ezatta rata ta` imghax ferm oghla mill-ghola rata permissibbli skond il-ligi.*

*3. Illi, fil-mertu, sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc talvolta dovut mir-rispondenti lir-rikorrenti bl-applikazzjoni tar-rata ta` imghax skond il-ligi huwa ferm inqas mill-ammont reklamat milr-rikorrenti stante li sal-lum l-eccipjenti diga rrifondew lilr-rikorrenti s-somma ta` tnejn u ghoxrin elf, seba` mija u hdax-il Ewro u disgha u tletin centezmu (EUR 22,711.39) [ekwivalenti ghal disat elef, seba` mija u hamsin lira Maltija (Lm9,750)].*

*4. Illi r-rispondenti, in vista tas-suespost, la ghandhom ibatu l-ispejjez ta` din il-procedura u lanqas ghandhom ikunu kundannati jhallsu imghax b`rata ghola minn dik permessa mil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenuti.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta` Dicembru 2008 fejn hatret lill-Av. Mandy Carabott bhala Assistant Gudizzjarju sabiex tisma` l-provi dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti tas-seduti li nzammu mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors li pprezentaw il-konvenuti fil-5 ta` Frar 2010 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbu li jkunu awtorizzati jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri billi mar-risposta diga` presentata tizdied eccezzjoni ohra li taqra hekk :

*Illi fil-komputazzjoni ta` dik is-somma li talvolta tista` tkun dovuta mill-konvenuti lill-atturi, is-somma ta` €16,305.61 (ekwivalenti ghal Lm7,000 fil-munika l-antika) imhallsa mill-konvenuti lill-atturi fi Frar 2007 ghandha, a tenur tal-artikolu 1171(b) u/jew (f) tal-Kodici Civili, tigi mputata versu l-ammont ossia dik il-parti mill-ammont tas-somma ta` €30,281.85 (ekwivalenti ghal Lm13,000) realment mislufa mill-atturi lill-konvenuti originarjament u cioe` fl-4 ta` Frar 2003.*

Rat ir-risposta tal-atturi ghal dan ir-rikors fejn ghar-ragunijiet hemm indikati talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-konvenuti.

Rat id-digriet li din il-Qorti diversament presjeduta tat fit-12 ta` Mejju 2010 fejn laqghet it-talba tal-konvenuti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-5 ta` Frar 2010.

Rat ir-risposta ulterjuri li l-konvenuti pprezentaw fid-19 ta` Mejju 2010 li taqra hekk :-

*Illi b`zjieda mar-Risposta Guramentata diga` prezentata, fil-komputazzjoni ta` dik is-somma li talvolta tista` tkun dovuta mill-konvenuti lill-atturi, is-somma ta` €16,305.61 (ekwivalenti ghal Lm7,000 fil-munika l-antika) imhallsa mill-konvenuti lill-atturi fi Frar 2007 ghandha, a tenur tal-artikolu 1171(b) u/jew (f) tal-Kodici Civili, tigi mputata versu l-ammont ossia dik il-parti mill-ammont tas-somma ta` €30,281.85 (ekwivalenti*

*ghal Lm13,000) realment mislufa mill-atturi lill-konvenuti originarjament u cioe` fl-4 ta` Frar 2003.*

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet li skambjaw il-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti (ara fol 91 et seq).

Rat is-sentenza li din il-Qorti diversament presjeduta tat fit-30 ta` Marzu 2012 fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom, ordnat il-prosegwiment tal-kawza, u baghtet l-atti lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex jigu assenjati lil Imhallef iehor.

Rat il-provvediment tal-Onor. Prim` Imhallef fejn a tenur ta` l-Art 11 tal-Kap 12 assenja l-kawza lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2012 fejn din il-Qorti kif presjeduta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talba tal-konvenuti sabiex jinghataw permess jappellaw miss-sentenza tat-30 ta` Marzu 2012 fuq riferita.

Semghet ix-xiehda tal-attur fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezenta l-attur fis-6 ta` Marzu 2013.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur fl-udjenzi tas-26 ta` Marzu 2013 u tas-7 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dr. Adriana Vella fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda tal-konvenuti fl-udjenza tal-21 ta` Novembru 2013, f`liema udjenza inghalaq il-gbir tal-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2014.

Rat id-digriet taghha fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa kien habib hafna mal-konvenut. Fl-2003 mar ghandu l-konvenut u talbu biex jisilfu xi flus. Ghall-bidu silfu Lm3,000. Xi jumejn jew tlieta wara, il-konvenut talbu Lm10,000 ohra ghaliex qal li ried jirranga r-razzett tieghu. L-

attur tah dawn il-flus ukoll. Saret kitba ghand in-Nutar Adriana Vella. Fil-fatt saru zewg ftehim : l-ewwel wiehed ghat-Lm3,000 u l-iehor ghall-Lm10,000. Fuq l-ammonti mislufa, il-konvenut kellu jhallas imghax ta` 8% fis-sena. Skond il-ftehim, it-Lm3,000 kellhom jithallsu lura fi zmien tliet snin waqt li Lm10,000 kellhom jithallsu lura fi zmien hames snin. Iz-zewg perijodi ghaddew u l-konvenut baqa` ma hallasx ghax skond il-konvenut ma kellux mnejn ihallsu lura.

L-attur ippreciza li wara sentejn jew tlieta wara li kien diga` silfu l-ammonti l-ohra, il-konvenut talbu self iehor ta` Lm7,000. L-attur accetta ghaliex il-konvenut kien qallu li malli jkollu l-flus jhallsu kollox. Meta ghalaq iz-zmien, il-konvenut hallsu lura s-Lm7,000 biss. Il-konvenut kien accerta lill-attur li kien se jhallsu ghaliex il-konvenut kien irabbi l-baqar ghall-halib u kien se jbiegh il-kwota tal-halib. Mir-rikavat ta` dak il-bejgh, kien imbaghad ihallas lill-attur. Is-self tas-Lm7,000 kien kopert b`kitba li saret ghand in-Nutar Adriana Vella.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed illi dik mal-konvenut kienet l-ewwel darba li hu qatt silef flus lin-nies. It-Lm3,000 tahom lill-konvenut in kontanti, waqt li Lm10,000 tahomlu permezz ta` cheque. Meta silef lill-konvenut it-Lm3,000, qallu verbalment illi mal-kapital kellu jhallas imghax ta` 8%. Il-hlas tas-Lm7,000 sar quddiem in-Nutar. Mistoqsi l-attur jekk apparti dak li thallas quddiem in-Nutar kienx thallas ukoll flus ohra, l-attur wiegeb illi l-konvenut kien hallsu l-imghax. Mistoqsi kemm hallas b`kollox il-konvenut, l-attur wiegeb illi ma kienx jaf ; qal pero` li l-konvenut kull sitt xhur kien ihallsu Lm450. Xehed l-attur illi ma zammx rendikont ta` kemm kien ihallsu l-konvenut. Huwa kien ikun kuntent b`kull ammont li kien jaghtih kull sitt xhur. Ipprezenta l-kawza tal-lum ghaliex ghalkemm iz-zmien tal-iskritturi kien ghadda, u ghalkemm il-konvenut kien dahhal flus mill-bejgh tal-baqar u mill-kwota tal-halib, lilu baqa` ma hallsu xejn milli kellu jaghtih.

Mistoqsi jekk kienx jiftakar illi fil-fatt il-konvenut kien ihallsu Lm1,950 kull sitt xhur, u li ghalhekk l-imghax kien ta` 15% mhux ta` 8%, l-attur cahad li hekk kien il-kaz.

Xehed illi bejn l-2003 u l-2007, il-konvenut kien hallas hames pagamenti. Dawk il-hlasijiet pero` kienu ta` imghax biss. Mill-kapital kien baqa` ma thallas xejn. Il-konvenut dejjem hallas f`kontanti.

Waqt il-kontroezami l-attur kien muri l-iskritturi esebiti. L-attur xehed illi hu ma kienx jaf jaqra u li martu kienet tiehu hsieb ta` kollox. Xehed illi sa meta ghamel l-iskrittura tal-2007, il-konvenut baqa` jhallas Lm480 kull sitt xhur. Wara li saret l-iskrittura, beda jhallas ftit iktar : jew Lm550 inkella Lm500. Mistoqsi mill-Qorti jekk meta l-konvenut kien ihallsu kull sitt xhur, kienx jaghti ricevuta, l-attur wiegeb illi ma kien jaghmel xejn u kwindi ma kienx zamm rendikont.

Mistoqsi ghaliex meta l-konvenut hallsu s-Lm7,000, dawk inqatghu mill-ahhar self mhux miS-self ta` qabel, l-attur wiegeb illi kien hemm qbil mal-konvenut li kellu jsir hekk.

**In-Nutar Dr Adriana Vella** xehdet illi l-iskritturi li ghamlu l-partijiet fl-2003 saru minn missierha n-Nutar Dr Angelo Vella, illum mejjet. Billi hi personalment kienet tiftakar l-iskritturi, kienet f`qaghda li tikkonferma l-kontenut taghhom. Hi kienet involuta direttament fl-iskritturi tat-28 ta' Frar 2007 u tat-18 ta' Dicembru 2006. Anke fir-rigward ta` dawn ikkonfermat il-kontenut. Tiftakar li quddiemha kien sar il-pagament ta` Lm7,000. Ma setghetx tiftakar jekk kienux sarux hlasijiet ohra qabel. Mistoqsija jekk il-hlas tas-Lm7,000 kienx jirreferi ghall-iskrittura tal-2006, ix-xhud stqarret li kienet tiftakar car li kienet staqsiet lill-partijiet ghal liema skrittura riedu jirreferu. Il-partijiet insistew li riedu "joqtlu" dik l-iskrittura. Mistoqsija jekk quddiemha kienx sar diskors dwar hlasijiet ta' imghax, ix-xhud wiegbet illi ma tiftakarx li kien sar dan id-diskors quddiemha. Mistoqsija jekk wiehed mill-partijiet kienx klijent tal-ufficcju Dr Vella kkonfermat illi l-attur kien klijent ta' missierha.

**Il-konvenuta Maria Farrugia** xehdet illi hija saret taf lill-attur meta hi u zewgha marru mieghu ghand in-Nutar ghaliex zewgha ried jissellef flus minghand l-attur in konnessjoni man-negozju tal-baqar li kellu. Meta hargu barra minghand in-Nutar, zewgha qal lill-attur ghaliex fil-iskrittura kienu kitbu li l-imghax kien ta` 8% fis-sena meta fil-fatt kien ftehmu dwar imghax ta` 15%. L-attur wiegeb lill-konvenut illi dik kienet affair ta` bejniethom ghaliex fil-karta ma setghu jiktbu imghax ta` aktar minn 8% fis-sena. Ir-ragel taghha kien imur ihallas lill-attur kull sitt xhur. Kemm kien ihallas lill-attur ma tafx ghaliex hi qatt ma kienet prezenti. Ir-ragel kien ighidlha biss li kien sejjer ghand l-attur biex ihallsu l-imghax. F`okkazjoni minnhom, zewgha qabez

pagament u l-attur mar id-dar taghhom u heddidhom. Wara l-atturipprezenta din il-kawza. Fil-**kontroezami**, Maria Farrugia xehdet illi meta l-konvenut kien imur jaghmel il-pagamenti, kien ihallas madwar Lm300.

**Il-konvenut Dominic Farrugia** xehed illi huwa kellu n-negozju tal-baqar. Kellu bzonn il-flus ghaliex bdew imutu l-baqar. Kellem lill-attur biex jisilfu l-flus. L-attur kien dispost jisilfu b`imghax ta` 15% fis-sena. Il-konvenut accetta. L-ewwel issellef Lm3,000 u wara Lm5,000 ohra. Kien imur ihallas l-imghax lill-attur kull sitt xhur. Issellef Lm10,000 ohra b`imghax ta` 15% fis-sena. Mistoqsi mill-qorti jekk kenitx saret karta bejniethom dwar l-ewwel Lm3,000, il-konvenut wiegeb li ma kienx cert ; minghalih li saret pero` ma kienux marru ghand in-Nutar. Fil-fatt marru ghand in-Nutar meta ssellef il-Lm5,000 u l-Lm10,000. Mistoqsi mill-qorti kemm kien jaghti lir-rikorrent kull sitt xhur, il-konvenut wiegeb illi huwa kien jikkalkola l-imghax bil-15% fis-sena u jmur jaghti lill-attur l-imghax. Ma kienx jiftakar l-ammont li kien ihallas. L-attur ma kienx jaghti ricevuta. Il-konvenut ighid li hallas Lm3,000. Meta qabez pagament, l-attur mar id-dar ghandu u heddu ; ghalhekk il-gurnata ta' wara tah Lm7,000 ; inkluz l-imghax. Kien baqa` jaghti lill-attur is-somma ta` Lm13,000. Huwa biegh il-permess tal-baqar. Mir-rikavat hallas is-Lm7,000.

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed illi huwa biegh il-kwota tal-halib ghall-prezz globali ta` Lm24,000. Mistoqsi ghaliex ma kienx hallas id-dejn kollu li kellu mal-attur u kien hallas Lm7,000 biss, il-konvenut xehed illi zamm minnhom biex ighix. Il-konvenut ikkonferma li wara li biegh il-kwota, l-attur accetta li jithallas is-Lm7,000 mhux l-ammont kollu li kien dovut wara li l-konvenut qallu li ma setax ihallsu kollox. Dwar it-Lm3,000 il-konvenut kien incert jekk kenitx saret karta dwarhom inkella le. Mistoqsi mill-Qorti kemm kien ihallas kull sitt xhur, il-konvenut wiegeb illi ma jafx. Mistoqsi mill-Qorti kif kien jasal ghall-ammont, il-konvenut xehed illi kien jahdimha b`mohhu. Mistoqsi mill-Qorti biex jahdimha dak il-mument, ix-xhud wiegeb li l-figura tigi ta` Lm300 kull sitt xhur.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**Skond l-atturi,** ghalkemm il-konvenut eccepixxa li huwa ghamel pagament ta’ fuq €22,000, ma gabx prova li dak il-hlas kien sar. L-attur jaccetta li l-hlas li sar kien ta` imghax skond kif kontemplat fl-iskritturi. L-allegazzjoni tal-konvenut li kien sar hlas ta` imghax oghla minn dak permess mil-ligi kienet kontestata. U skond l-atturi, l-allegazzjoni ma kenitx ippruvata. Rigward l-eccezzjoni tal-konvenuti fejn kien invokat l-Art 1171 tal-Kap 16, l-atturi jsostnu li b`dik l-eccezzjoni, il-konvenuti ammettew li l-ammonti indikati fl-iskritturi ma kienux kontestati. Bl-iskrittura tat- 28 ta’ Frar 2007, kien iddikjarat li l-pagament ta` Lm7,000 kien qed “jolqot” l-iskrittura tat-18 ta` Dicembru 2006. Id-disposizzjoni citata mill-konvenuti ma kenitx applikabbli.

**Skond il-konvenuti,** il-Qorti ghandha tevalwa liema versjoni kienet l-aktar attendibbli u kredibbli. Il-konvenuti jirrileva illi l-Qorti m`ghandhiex toqghod biss fuq dak li jghidu l-iskritturi izda ghandha tizen dak li xehdu l-partijiet. Parti biss mid-dejn reklamat mill-atturi kien dovut.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Dritt**

Il-pattijiet li l-partijiet jaqblu u jiftehmu dwarhom f`kuntratt huma l-espressjoni tar-rieda taghhom. Ghalhekk meta ftehim isir kif trid il-ligi, kemm ghal dak li huwa sostanza kif ukoll ghal dak li huwa forma, dak il-ftehim isir ligi bejn il-partijiet. U meta l-ftehim isir skond il-ligi jista` jithassar jew jinbidel biss bi ftehim iehor tal-partijiet.

Fis-sentenza moghtija fil-5 ta` Ottubru 1998 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **“Beacon vs Spiteri Staines”** jinghad hekk –

*Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali li trid tigi osservata - pacta sunt servanda.*

Issa skond l-**Art 993 tal-Kap 16** –

*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.*

(ara – "**Depares noe vs O` Dea noe"** – Appell - 25 ta` Gunju 1996).

Skond l-**Art 1002 tal-Kap 16**, fejn il-kliem ta` konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt huwa car, ma hemmx lok ta` interpretazzjoni ("**Spiteri vs Borg"** – PA/RCP – 30 ta` Novembru 2000 u **"Borg vs Xuereb"** – Appell Civili – 30 ta` Marzu 1997).

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Mejju 1952 fil-kawza "**Morana vs Spiteri et**", il-Qorti tal-Appell sostniet li bhala regola mhumiex ammissibbli provi testimonjali kontra l-miktub (*contra scriptum testimonium non fertur*) pero` din mhijiex regola assoluta. Infatti kien ritenut li r-regola ma tapplikax f`dawk il-kazi fejn l-att miktub jigi mpunjat minhabba simulazzjoni. Kif lanqas ma hija applikabbli meta jkun jidher li l-kontraenti ghamlu kuntratt biex ighattu kuntratt iehor li realment riedu jaghmlu u meta l-Qorti tkun perswaza li jkun sar zball fil-kuntratt. Imbaghad il-Qorti kompliet hekk –

*1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta` bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f`dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f`dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali …*

*2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu delucidati punti oskuri ta` kitba jew f`xi kazi ta` impunjazzjoni ta` dik il-kitba izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga` car …*

*3. Ir-regola li kontra l-prova miktub ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabbli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti lit kun espressa b`mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli ma` l-att …*

*4. Il-principju "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa` jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm, zball fil-kuntratt jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali …*

Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq **dawk** il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **certezza morali** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"Vassallo vs Pace"** – Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili :–

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ;*

*2) Li fin-nuqqas, tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*(ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001).*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – **<u>PA/TM</u>** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – **<u>PA/PS</u>** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – **<u>PA/CC</u>** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" kien precizat hekk –

*... mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo.*

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

Fil-kawza tal-lum, l-atturi qeghdin ifittxu lill-konvenuti ghall-hlas lura tal-ammont ta` Lm13,000 ekwivalenti ghal €30,281.85, li kienu silfu lill-konvenuti : in

kwantu ghal Lm10,000 bi skrittura datata 4 ta` Marzu 2003 ; u in kwantu ghal Lm3,000 bi skrittura ohra li ggib l-istess data tal-4 ta` Marzu 2003. Il-konvenuti laqghu ghall-azzjoni attrici billi eccepew in-nullita` tal-iskritturi in kwistjoni ghaliex isostnu li kienu affetti minn kawza llecita fis-sens illi r-rata ta` imghax li kienet imposta kienet oghla minn dik permessa mil-ligi (8%). Fil-fatt il-konvenuti jsemmu rata ta` imghax ta` 15%. L-attur jichad li hekk kien il-kaz.

**L-Art 987 tal-Kap 16** jaqra hekk :–

*L-obbligazzjoni mingħajr kawza, jew magħmula fuq kawza falza jew illecita, m`għandha ebda effett.*

**L-Art 990 tal-Kap 16** ighid :–

*Il-kawza hija illecita meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarja għall-egħmil xieraq jew għall-ordni pubbliku.*

L-obbligazzjoni bejn il-partijiet kienet dik ta` self. Ghall-validita` tal-pattijiet, ma kenitx essenzjali il-forma skritta. Eppure fil-kaz tal-lum, il-pattijiet saru permezz ta` zewg skritturi privati. Ir-rekwiziti li tistabilixxi l-ligi sabiex kuntratt ikun ighodd huma dawk indikati fl-**Art 966 tal-Kap 16** : il-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u l-kawza lecita. Meta dawk ir-rekwiziti jkunu sodisfatti kollha, il-kuntratt ikun validu ghall-effetti kollha tal-ligi.

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Andrews et vs Borg**", din il-Qorti (**PA/NC**) din il-Qorti qalet hekk :-

*Skond l-Art 987 tal-Kap 16 - `L-obbligazzjoni mingħajr kawza, jew magħmula fuq kawza falza jew illecita, m`għandha ebda effett`. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tordna lill-intimati ghall-ezekuzzjoni tal-mandat u cioe` li jittrasferixxu l-fond de quo lilr-rikorrenti. Ighid Laurent (Vol.XXVII Para.402) – "Quando il fatto e` illecito la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione ; e` una obbligazione fondata su causa illecita, poiche` la causa si confonde con l` oggetto dei contratti ; e quando la causa e` illecita l` obbligazione e` inesistente e non puo` avere alcun effetto"*

Fl-iskrittura fejn sar is-self ta` Lm3000 (fol 135) jirrizulta li fuq is-somma kapitali mislufa ta` Lm3000 kellhom "*jikkorrispondu fuq din is-somma l-interessi ta' tmienja fil-mija fis-sena, dekorribli mil-lum, u pagabbli bis-sitt xhur lura …*"

L-istess patt kien ripetut fl-iskrittura l-ohra (fol 136) fejn lill-konvenuti kienet mislufa s-somma ta` Lm10,000.

Il-prova li ressaq il-konvenut biex isostni li l-imghax li kellu jhallas ma kienx ta` 8% izda ta` 15% fis-sena kienet il-kliem li qallu l-attur f`dan is-sens. Jirrizulta li l-konvenut kien ihallas l-imghax kull sitt xhur. Dan huwa fatt accertat ghax mhux kontradett. Dak li dwaru ma` hemm qbil huwa kemm effettivament kien ihallas il-konvenut – ladarba ebda ricevuta ma kienet prezentata bhala prova. Minn naha wahda, l-attur ghall-bidu jghid li ma jiftakarx kemm kien ihallas il-konvenut, imbaghad ighid li kien ihallas Lm450 jew Lm480 kull sitt xhur. Min-naha tieghu, il-konvenut ighid illi *probabilment* kien ihallas *xi* Lm300 kull sitt xhur ; il-versjoni tal-konvenut kienet korraborata mix-xiehda tal-mara tieghu.

**L-iskantament tal-Qorti huwa naturali u fondat : ma tigi prezentata l-ebda ricevuta ; mqar xi haga bil-miktub li tikkonferma l-hames pagamenti li ghamel il-konvenut u kemm hallas.**

Il-**prova tal-pagament** tispetta lil min jallega li effettwa l-pagament ; fil-kaz tal-lum, il-konvenuti (Prim`Awla tal-Qorti Civili : 14 ta` Dicembru 1959 : "**Attard vs Meilak et**" ; Qorti tal-Appell : 4 ta` Dicembru 1998 : "**Mifsud vs Montanaro**"). Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Frar 1965 fil-kawza "**Darmanin vs Muscat**", din il-Qorti rrilevat illi : *fid-dubbju u fin-nuqqas ta` ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b`mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*

Meta l-Qorti staqsiet lill-konvenut **car u tond** kemm kien hallas, il-konvenut wiegeb hekk a fol 256 et seq :-

*Qorti :*

*U min jahdimha inti jew tqabbad lil xi hadd jahdimielek ?*

*Xhud :*

*Mhux tahdimha ?*

*Qorti :*

*Int stess, int stess.*

*Xhud :*

*Go mohhok.*

*Dr. Spiteri Bailey :*

*Issa u kif tahdimha ?*

*Qorti :*

*Kif tahdimha go mohhok ?*

*Xhud :*

*Bil-hmistax fil-mija.*

*Qorti : kemm tigi fuq tlett elef hmistax il-mija ? Ghamilha issa, kemm tigi ?*

*Xhud :*

*Fuq tlett mija.*

*Qorti : Tlett mija tigi ? Ghal sena ?*

*Xhud :*

*Le ta' ta' sitt xhur.*

Il-partijiet jaqblu li l-pagament li kien isir kull sitt xhur kien tal-imghax biss. Fuq dan il-fatt jinsisti l-konvenut ghal aktar minn darba fix-xiehda tieghu.

Mill-provi rrizulta li s-self li fuqu kien qed jithallas l-imghax kien ta` Lm13,000. Ghalhekk l-imghax li kien qed jithallas kull sitt xhur kien fuq dak l-ammont. Jekk wiehed jikkalkola rata ta` imghax ta` 8% fis-sena fuq capital ta` Lm13,000, l-ammont ta` imghax kull sena kien ikun ta` Lm1,040 u allura Lm520 kull sitt xhur. Jekk l-imghax kien ta` 15% fis-sena, il-figura kienet titla` ghal Lm1,950 fis-sena li jfisser Lm975 kull sitt xhur.

**Mill-assjem tal-provi ma jirrizulta li sar l-ebda pagament li jqarreb lejn hlas ta` imghax ta` 15% fis-sena, bil-hlas isir kull sitt xhur kif patwit.**

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-konvenut ma ressaqx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi tat-tieni eccezzjoni tieghu.**

Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti li l-konvenut kien inkonklussiv kwazi kwazi konfuzjonarju fil-provi li gab.

Il-konvenut ma ghamel l-ebda sforz tangibbli biex jipprova tassew dak li hallas. Il-konvenut la kien kredibbli u lanqas attendibbli fix-xiehda tieghu. Fil-"keffa tal-mizien", ix-xiehda tal-attur hija aktar attenibbli u konsistenti : partikolarment dwar kif origina s-self, dwar kif kopra bi skritturi ad hoc il-versamenti kapitali li ghamel lill-konvenut, dwar il-pagamenti li saru, dwar l-imghax, u dwar il-metodologija tal-hlas li kienet miftehma bejn il-partijiet u cioe` li bil-pagamenti li kien se jaghmel il-konvenut kien jinqata` l-ewwel l-imghax – dak patwit – mhux xi imghax divers jew addirittura in eccess ta` dak permess mill-ligi u allura llecitu ghax illegali. Xehed ukoll dwar x`inqata` meta sar hlas kapitali mill-konvenut wara li biegh il-kwota tal-halib.

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sejra toqghod fuq **l-ahjar prova** li hija kostitwita mill-iskritturi tal-4 ta` Marzu 2003. Din il-prova xxejjen ghal kollox id-difiza tal-konvenuti anke ghaliex il-konvenuti ma gabux provi tajbin bizzejjed biex iwaqqghu l-principju tad-dritt illi *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur.* Il-konvenuti ma gabux prova **tangibbli u kredibbli** biex jikkonvincu tassew lil din il-Qorti li kontra taghhom kien impost mill-atturi imghax ta` 15% fis-sena.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni**.

**Bit-tielet eccezzjoni**, il-konvenuti qeghdin ighidu li jekk jigi applikat l-imghax legali, l-ammont dovut huwa ferm inqas u cioe` €22,711.39.

Fil-kawza tal-lum, l-ammont qed jitlob hlas lura ta` ammont kapitali ta` €30,281.85.

Fix-xiehda tieghu a fol 233, il-konvenut xehed hekk :-

*" … U tajtu s-somma ta' sebat elef Lira* ***u kien baqghali tlettax-il elf****, u ghaddew, ikkuntenta b'dawk, ghaddew, u x'hin wasal l-imghax, ghax ma mortx bihom ghax ma kellix qabez fuqi, u dahhali l-Qorti."*

Hija l-fehma ta` din il-Qorti li din l-istqarrija skjetta tal-konvenut hija ammissjoni tal-kapital dovut minnu lill-atturi.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni**.

**Bhala eccezzjoni ulterjuri**, il-konvenuti eccepew illi fil-komputazzjoni tas-somma li talvolta tista` tkun dovuta mill-konvenuti, ghandha titqies is-somma ta' €16,305.61 (Lm7,000) li hallsu l-konvenuti. A tenur tal-Art 1171(b) u/jew (f) tal-Kodici Civili dak l-ammont ghandu jigi mputat versu l-ammont ta' €30,281.85 li l-atturi kienu fil-bidu silfu lill-konvenuti.

Il-Qorti diga` ghamlet riferenza testwali ghal li xehed il-konvenut dwar il-kapital li kien fadallu jhallas lill-attur.

Il-Qorti mhijiex sejra tieqaf hawn izda sejra tirreferi ghal li xehdet in-Nutar Dr Andriana Vella.

Skond Dr Vella, il-partijiet kienu cari illi l-pagament li kien qed isir ta` Lm7,000 kien qed isir fil-konfront ta' s-self li sar bl-iskrittura tat-18 ta` Dicembru 2006. Dan effettivament jidher ukoll minn Dok D a fol. 138 tal-process fejn hemm miktub illi :–

*"l-ammont ta' sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), liema ammont kien dovut mill-konjugi Farrugia lill-konjugi Gauci, skond skrittura privata datata il-18 ta` Dicembru 2006, li kopja taghha hija hawn annessa bhala Dokument A.*

*Il-konjugi Gauci qeghdin ihallu din ir-ricevuta in via solidali bejniethom ghal dan l-ammont u ghalhekk huma jiddikjaraw illi kull ammont illi kien dovut ai termini ta' din l-istess skrittura issa thallas kompletament."*

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ulterjuri.**

Fl-isfond tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi **l-ewwel talba** hija ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

**Riferibbilment ghat-tieni talba**, mhux daqstant fejn din tirrigwarda l-ammont kapitali, izda fejn din tirrigwarda d-data minn meta kellu jiskatta l-hlas ta` l-imghax, hija l-fehma tal-Qorti, wara li qieset il-fatti akkwiziti mill-provi, senjatament li l-konvenuti kienu jhallsu regolarment l-imghax dovut, kif ukoll illi m`ghandhiex l-ahjar prova li l-ittri ufficjali (Dok E u Dok F) kienu attwalment notifikati lill-konvenuti, tghid illi l-imghax fuq €30,281.85 ghandu jiddekorri mit-**28 ta` Ottubru 2008** li hija d-data li fiha l-konvenuti kienu notifikati bir-rikors guramentat.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :–**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti sabiex - flimkien u in solidum bejniethom - ihallsu lill-atturi s-somma ta` tletin elf mitejn wiehed u tmenin Ewro hamsa u tmenin centezmu (€30,281.85) bl-imghax legali b`effett mit-28 ta` Ottubru 2008 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali tas-16 ta` Gunju 2008, dawk tal-Mandat Kawtelatorju ta` Qbid prezentat fit-3 ta` Ottubru 2008, u dawk tal-Mandat Kawtelatorju ta` Sekwestru prezentat fit-3 ta` Ottubru 2008.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------